Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

UGO MIFSUD BONNICI
President

2 ta' Awissu, 1996

ATT Nru. XIX ta' l-1996

ATT biex jemenda l-Att dwar il-Bord ta' 'Standards' ta' Malta biex jipprovdi għal twaqqif ta' awtorità awtonoma għal 'Standards' u ħwejjeġ oħra ancillari.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

Kap. 187.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1996 li jemenda l-Att dwar il-Bord ta' *Standards* ta' Malta, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Bord ta' *Standards* ta' Malta, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-industrija jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet u għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Emenda tat-titolu.

2. Fit-titolu li għandu l-Att prinċipali minflok il-kliem "Bord ta' *Standards* ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*"; u minflok il-kliem "Att dwar il-Bord ta' *Standards* ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

3. Fl-artikolu 1 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "l-Att dwar il-Bord ta' *Standards* ta' Malta" għandhom jidħlu l-kliem "Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*".

Emenda ta' l-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali.

4. Fl-artikolu 2 ta' l-Att prinċipali:—

(a) minflok it-tifsira ta' "Bord" għandu jidħol dan li ġej:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*;";

(b) fit-tifsira ta' "liċenza" minflok il-kliem "mill-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità"; u

(c) minnufih wara t-tifsira ta' "persuna" għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "*standard*" tfisser definizzjoni, klassifika, speċifikazzjoni jew deskrizzjoni ta' prodott jew proċess, inkluża meta jkun possibbli referenza għall-proċedura, ħtieġa ta' sigurezza, mod ta' manifattura, xorta, materjal, metodi ta' analiżi jew qjies, piż, grad, purità, oriġini, żmien, kompożizzjoni, kwantità, dimensjonijiet, propertajiet, tikkettar, sarr, adempjenza, *bio availability* jew kull karatteristika oħra jew kombinazzjoni tagħhom ta' dak il-prodott jew proċess;".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikoli (1) sa (4) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Għandha titwaqqaf Awtorità, li tissejjaħ l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*, li teżerċita u taqdi l-funzjonijiet lilha mogħtija b'dan l-Att.

(2) L-Awtorità titmexxa minn Kunsill li jkun magħmul kif ġej:—

(a) *Chairman*, li jinħatar mill-Prim Ministru;

(b) id-Direttur ta' l-Industrija *ex officio* li jkun Viċi-*Chairman*;

(ċ) il-Kontrollur tad-Dwana *ex officio*;

(d) id-Direttur ta' l-Agrikoltura *ex officio*;

(e) id-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur *ex officio*;

(f) id-Direttur għall-Protezzjoni ta' l-Ambjent *ex officio*;

(ġ) id-Direttur tas-Saħħa Pubblika *ex officio*;

(ħ) tliet membri li jinħatru mill-Ministru -

(i) wieħed wara konsultazzjoni mal-Kamra tal-Periti,

(ii) wieħed wara konsultazzjoni mal-Kamra ta' l-Inġinieri Professjonali, u

(iii) wieħed wara konsultazzjoni mal-Kamra ta' l-Ispiżjara;

(i) membru li jinħatar mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta;

(j) rappreżentant tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija, li jinħatar mill-Prim Ministru;

(k) membru li jinħatar mill-Kamra tal-Kummerċ; u

(l) membru li jinħatar mill-Federazzjoni ta' l-Industriji.

(3) Il-membri tal-Kunsill li ma jkunux dawk imsemmija fil-paragrafi (b) sa (ġ) tas-subartikolu (2) għandhom jinħatru għal żmien ta' mhux iktar minn tliet snin u jistgħu jerġgħu jiġu hekk maħtura.

(4) Il-membri tal-Kunsill għandhom jirċievu dik ir-rimunerazzjoni li l-Ministru jista' jordna.";

(b) fis-subartikoli (5) u (6) tiegħu minflok il-kliem "Bord" kull fejn tidher għandha tidħol il-kelma "Awtorità", u fis-subartikolu (7) minflok il-kliem "il-Bord għandu jirregola l-proċeduri tiegħu" għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità għandha tirregola l-proċeduri tagħha";

(ċ) fis-subartikolu (6) tiegħu minflok il-kliem "erba' membri" għandhom jidħlu l-kliem "sitt membri"; u

(d) minnufih wara s-subartikolu (7) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli li ġejjin:

"(8) Il-Kunsill jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fih sakemm ikun hemm preżenti *quorum.*

(9) Iċ-*Chairman* ikollu vot oriġinali u fil-każ ta' voti ndaqs, vot iehor jew *casting vote.*

(10) L-Awtorità tkun l-awtorità f'Malta li tkun fdata bil-koordinazzjoni ta' l-għemil ta' *standards* u attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan, u fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taht din il-liġi jew xi liġi oħra, din m'għandhiex tkun, kemm-il darba ma jingħadx xort' oħra espressament, taħt id-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità.

(11) L-Awtorità tista', bi ftehim mal-Ministru, tagħmel kull ftehim ma' xi persuna jew awtorità li bihom dik il-persuna jew awtorità għandha f'isem l-Awtorità twettaq dawk il-funzjonijiet u servizzi bħalma huma b'din il-liġi jew kull liġi oħra assenjati lill-Awtorità.

(12) L-Awtorità ikollha personalità ġuridika distinta minn dik tal-Gvern, u r-rappreżentanza ġuridika tagħha tkun tvesti fiċ-*Chairman.* L-assi u kull proprjetà li l-Awtorità jkollha għandhom madankollu jkunu proprjetà tal-Gvern u l-Awtorità tkun biss responsabbli għall-amministrazzjoni tagħhom waqt li tkun qed tieħu ħsiebhom, u għandha tiddisponi minnhom skond dawk id-direttivi li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien jagħti lill-Awtorità.

(13) L-Awtorità tista' titlob kull ħlas għal kull servizz li jiġi provdut minnha skond dan l-Att jew xi liġi oħra.

(14) Il-kontijiet ta' l-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn awditur indipendenti li jinħatar minnha bi ftehim mal-Ministru, b'dan illi d-Direttur tal-Verifika jista' f'kull waqt jispezzjona ir-*records* u l-kontijiet ta' l-Awtorità u jirrapporta dwarhom lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(15) L-Awtorità tista' bl-approvazzjoni tal-Ministru timpjega dak il-*personnel* li tista' tkun teħtieġ għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tagħha skond dan l-Att b'dawk il-patti u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' japprova.".

Żieda ta' l-artikolu 3A ġdid ma' l-Att prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali, għandu jiżdied dan l-artikolu 3A ġdid li ġej:

"Allokazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għal xogħol ma' l-Awtorità.

3A. (1) Il-Prim Ministru jista', fuq talba ta' l-Awtorità, minn żmien għal żmien jordna li xi uffiċjal pubbliku jkun allokat għal xogħol ma' l-Awtorità f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fl-ordni.

(2) Il-perijodu li matulu ordni kif intqal qabel għandu japplika għal kull uffiċjal speċifikat fih, kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku, jew xort'oħra ma jtemmx qabel milli jżomm kariga, jew kemm-il darba ma tkunx speċifikata fl-ordni data differenti, għandu jtemm malli sseħħ xi waħda mill-ġrajjiet li ġejjin, jiġifieri -

(a) l-aċċettazzjoni minn dak l-uffiċjal ta' offerta ta' trasferiment għas-servizz ta', u impieg permanenti ma', l-Awtorità li ssir skond is-subartikolu (8) ta' dan l-artikolu; jew

(b) ir-revoka mill-Prim Ministru ta' xi ordni magħmul minnu taħt dan l-artikolu dwar dak l-uffiċjal.

(3) Meta ordni dwar xi uffiċjal kif imsemmi qabel ikun revokat mill-Prim Ministru, il-Prim Ministru jista', b'ordni ieħor, jalloka lil dak l-uffiċjal jagħmel xogħol ma' l-Awtorità, f'dik il-kariga u b'effett minn dik id-data li tista' tkun speċifikata fl-ordni l-ieħor, u d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu għandhom ma' dan japplikaw sakemm idum iseħħ l-ordni l-ieħor dwar dak l-uffiċjal.

(4) Meta uffiċjal pubbliku jkun allokat għal xogħol ma' l-Awtorità skond xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, dak l-uffiċjal għandu, matul iż-żmien li fih l-ordni jkollu effett dwaru, ikun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll ta' l-Awtorità, iżda għandu għall-finijiet u effetti oħra jibqa', u jitqies u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

(5) Bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li msemmi qabel, uffiċjal allokat għal xogħol kif ingħad qabel -

(a) m'għandux matul iż-żmien li dwaru jkun hekk allokat -

(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment għal Dipartiment tal-Gvern skond il-pattijiet u l-

kondizzjonijiet ta' servizz annessi mal-ħatra tiegħu li kellu mal-Gvern fid-data li fiha jkun ġie allokat għal xogħol;

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u l-kondizzjonijiet tas-servizz tiegħu jkunu anqas vantaġġjużi minn dawk annessi mal-ħatra tiegħu li kellu mal-Gvern fid-data li fiha jkun ġie allokat għal xogħol kif imsemmi qabel jew li kienu jkunu annessi ma' dik il-ħatra, matul dak il-perijodu, kieku dak l-uffiċjal ma kienx allokat għal xogħol ma' l-Awtorità; u

(b) ikollu l-jedd li s-servizz tiegħu ma' l-Awtorità jitqies bħala servizz mal-Gvern għall-fini ta' kull pensjoni, gratifikazzjoni taħt Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltima, u ta' kull jedd jew privileġġ ieħor li għalih kien ikollu dritt, u suġġett għal kull responsabbiltà li għaliha kien ikun suġġett, kieku mhux għall-fatt li hu kien allokat għal xogħol ma' l-Awtorità.

Kap. 93.
Kap. 58.

(6) Meta ssir applikazzjoni kif provdut fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' dan l-artikolu, din għandha tingħata l-istess konsiderazzjoni bħallikieku l-applikant ma kienx allokat għal xogħol ma' l-Awtorità.

(7) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li jistgħu minn żmien għal żmien ikunu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi għal kemm jiswew il-pensjonijiet u l-gratifikazzjonijiet dovuti lil uffiċjal allokat għal xogħol ma' l-Awtorità kif imsemmi qabel matul il-perijodu li fih ikun hekk allokat.

(8) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru, toffri lil kull uffiċjal pubbliku allokat għal xogħol ma' l-Awtorità taħt is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu impieg permanenti ma' l-Awtorità b'rimunerazzjoni u b'pattijiet u kondizzjonijiet speċifikati fl-offerta.

(9) Kull uffiċjal li jaċċetta impieg permanenti ma' l-Awtorità li jkun offrut lilu taħt dan l-artikolu għandu, għall-finijiet kollha jitqies li spiċċa mis-servizz tal-Gvern u li jkun daħal f'servizz ma' l-Awtorità fid-data ta' l-aċċettazzjoni tiegħu.".

7. Minflok l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Sostituzzjoni ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

"Funzjonijiet ta'l-Awtorità". 4. Il-funzjonijiet ta' l-Awtorità jkunu:

(a) li tippreskrivi, dwar kull klassi, kategorija jew tip ta' prodott, *standards* li jkunu konformi ma' *standards* rikonoxxuti kemm reġjonalment kemm internazzjonalment u li kull prodott li jkun jaqa' f'dik il-klassi, kategorija jew tip ikollu jissodisfa;

(b) li tikkordina, tissorvelja u ġġib 'il quddiem l-għemil ta' *standards* u attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' dan fid-diversi livelli korporattivi, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali, u biex tipprovdi u/jew tiżgura li jkun hemm servizzi relatati sussidjarji xierqa;

(c) li tikkonsidra kull applikazzjoni li ssir għal liċenza biex tintuża *standard mark* u għall-għoti ta' liċenzi għal dan il-għan;

(d) li tagħmel dak kollu li jkun meħtieġ u li jista' jsir mill-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra.".

8. Fl-artikoli 5, 6, 7 u 17 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kelma "Bord" kull fejn tinsab, għandha tidħol il-kelma "Awtorità", u fit-test Malti ta' l-istess artikoli l-ġens għandu jiġi emendat kif hekk meħtieġ. Emenda ta' l-artikoli 5, 6, 7 u 17 ta' l-Att prinċipali.

9. L-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 18 ta' l-Att prinċipali.

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu minflok il-kliem "mill-Bord" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità";

(b) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (f); u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (d) tiegħu, għandu jidhol dan li ġej:

"(e) li jippreskrivu kull ħaġa li tkun jew li tista' tiġi preskritta skond dan l-Att; u".

Emendi konsegwenzjali f'liġijiet oħra.
Kap. 10.

10. (1) Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 189 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, minflok il-kliem "fl-uffiċċju tad-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur" għandhom jidħlu l-kliem "fl-uffiċċju ta' l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*".

Kap. 39.

(2) L-Ordinanza dwar l-Użu u l-Kejl, għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minnufih qabel it-tifsira ta' "imbullar" fl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza għandha tiżdied din it-tifsira li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*;";

(b) l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) id-dispożizzjoni li hemm għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tagħha; u

(ii) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu (2) ġdid li ġej:

"(2) L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi *standards* ta' kejl, użin jew tiqjis ieħor li jidħol minflok jew b'żieda ma' dawk stabbiliti taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u meta jkunu ġew hekk stabbiliti dawk l-i*standards* mill-Awtorità il-qjies u l-piż ta' kull kejl u użin f'Malta għandu jiġi stabbilit skondhom.";

(ċ) minflok il-kliem "Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatur" fl-artikoli 7, 13, 14, 15 u 19 ta' l-Ordinanza, għandha tidħol il-kelma "Awtorità";

(d) minflok il-kliem "l-President ta' Malta" fl-artikolu 8 ta' l-Ordinanza għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità"; u

(e) minflok il-kliem "il-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-konsumatur" fl-artikoli 15, 18, 26 u 28, għandhom jidħlu l-kliem "il-Ministru responsabbli għall-industrija".

(3) L-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kwalità (Esportazzjonijiet, Importazzjonijiet u Oġġetti Lokali), għandu jiġi emendat kif ġej: Kap. 225.

(a) fit-titolu tiegħu, minflok il-kliem "lill-Bord ta' *Standards* ta' Malta li jistabbilixxi" għandhom jidħlu l-kliem "lill-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* li tistabbilixxi";

(b) minflok it-tifsira ta' "Bord" fl-artikolu 2 tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

" "Awtorità tfisser l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*;";

(ċ) minflok il-kelma "Bord" kull fejn tidher fl-Att, għandha tidħol il-kelma "Awtorità", u fit-test Malti fl-istess Att il-ġens għandu jiġi emendat kif hekk meħtieġ;

(d) fl-artikolu 3 ta' l-Att minflok il-kliem "d-Direttur ta' l-Industrija" għandhom jidħlu l-kliem "il-Ministru";

(e) fl-artikoli 6, 9 u 11 ta' l-Att minflok il-kliem "d-Direttur ta' l-Industrija" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu l-kliem "l-Awtorità"; u

(f) l-artikolu 14 ta' l-Att għandu jitħassar.

(4) L-Att dwar Ħwejjeġ ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, għandu jiġi emendat kif ġej: — Kap. 231.

(a) fl-artikolu 2 ta' l-Att —

(i) minnufih qabel il-frażi "awtorità" sanitarja" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* imwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards*;"; u

(ii) it-tifsira ta' "Bord dwar *Standards* ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel" għandha titħassar;

(b) l-artikolu 3 ta' l-Att għandu jitħassar; u

(ċ) fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att minflok il-kliem "tal-Bord dwar *Standards* ta' ħwejjeġ ta' l-Ikel" għandhom jidħlu l-kliem "ta' l-Awtorità".

Att Nru. XXVIII ta' l-1994.

(5) Fl-artikolu 43 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, il-kliem "l-Ordinanza dwar l-Użin u l-Kejl,", u "Kap. 39." fil-marġni biswit l-artikolu, għandhom jitħassru.

Kif jinftehmu liġijiet oħra.

11. Kull referenza f'xi liġi oħra għall-Bord ta' *Standards* ta' Malta u għall-Att dwar il-Bord ta' *Standards* ta' Malta, għandha titqies u tinftiehem bħala referenza għall-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* u għall-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Għemil ta' *Standards* rispettivament.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 565 tas-16 ta' Lulju, 1996.

LAWRENCE GONZI
Speaker

RICHARD J. CAUCHI
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati